tagħna fiż-żmenijiet li ġejjin hija kbira u mar-rebħa tal-Ġnus Magħquda li hija wkoll ir-Rebħa tac-ckejkna Malta, nixtiequ li tasal ukoll Rebħa Sħiħa u Dejjemija ta' l-ILSIEN MALTI.

## LILL-QALBENIN

Peace to their dust, honour to their memory.

THE EARL OF ROSEBERRY

Ġieħ lill-qalbiena li għall-ħaqq w għas-sewwa,
Bla għelt, bla biża', ħaslu l-art bid-dmija;
Min jista' jifhem dak li ħassew ġewwa
B'liema ħerqa wettquh, u b'kemm qlubija?

Ġieħ lill-qalbiena li fuq ras l-egħdewwa
Imxew rebbieħa. Lemħu 'l bogħod id-dija
Tas-sliem u tal-ħelsien tħeġġeġ b'kull ħlewwa,
U ġrew u tqabdu w mietu mija mija.

Jikbes ġo qalbna s-sehem l'intom wettaqtu,
Is-sehem qaddis u kbir lejn art twelidkom
Li, biex iseħħ, ħajjitkom tajtu w ġidkom.

Il-qawwa ta' l-azzar b'saħħitkom sbaqtu,
Għelibtu l-qilla tan-nirien: ferrieħa
Il-mewt ħaddantu, Qalbenin rebbieħa.

*Ġużè Chetcuti*

## GEORGE CROSS

Dom Attz kien magħruf mil-pulizija ta' New York bħala bniedem qalil li jindaħal għal kull xorta ta' ksir il-għonq. Kien telaq minn Malta mar-ruxxmata Maltin li siefru għall-Amerka wara li spiċċat il-gwerra l-oħra u ntafa New York, iżda billi ma kellux ħajra għax-xogħol, baqa ma qabad l-ebda lant ; kien igħix ħajja mxerrda u għamel sħab ma' xi erba' karfa li f'qasir żmien ħarrġuh fl-irqaqat kollha tal-ħajja bla raj u bla lġiem. Dak iż-żagħżugħ Malti ma damx ma nbidel bhal-lejl man-nhar, nesa 'l niesu, nesa 'l pajjiżu, tafa wara spallejh kull rażna u sar imżattat, sar ġellied, rabba arja kbira u ħa bixra ta' wieħed li ma jibża minn xejn saħansitra bidel ismu u minn Duminku Attard beda jissejjaħ DOM ATTZ.

Żagħżugħ fuq ruħu, qalbieni, ħafif u b'saħtu, ma damx ma għamel isem fil-ħwienet tal-baħrin ta' Hoboken u m'hux darba jew tnejn ġie fl-idejn man-nies tax-xatt ta' Hudson River u meta jkun xurban kont tarah sejjer għal ġlied mas-suwwed ta' Haarlem.

Fi żmien il-*Prohibition* Attz qala flus kemm ried, mexxa bil-moħbi tagħbijiet ta' krietel ta' *whiskey*, qala xi żewġ taptipiet, ħa xi erba' tiri ta' revolver u weħel xi sitt xhur ħabs; imbagħad il-Gvern raġa ta s-sensja li jimbiegħ ix-xorb fil-ħwienet u Attz sab ruħu bla ħabba u bla xogħol iżda billi laħaq dara jgħix bl-akkarija ma medd għonqu għal ebda xogħol u baqa jitlajja u jdabbar rasu kif jista' b'inhar qalb il-ħwienet, it-traffiku, u l-istorijiet ta' Broadway u bil-lejl qalb id-dawl, il-logħob u x-xalar ta' Coney Island.

F'dik il-ħajja tal-għażż u ta' dberbix Dom Attz telaq kollox wara spallejh, hu qatt ma kiteb lil niesu u minn għandhom qajla kienet tasallu xi ittra, iżda wara li bdiet il-gwerra l-ebda ħbar ma waslitlu minn Malta u hu ma ħabbel rasu b'xejn; kull tant kien jisma t-tfal li jbiegħu l-ġurnali jgħajjtu bl-attakki qawwijin tal-għadu fuq Malta u kien jaqra fl-ewwel faċċata tal-gażżetti tifħir għal ħila u l-qlubija tal-Maltin, iżda għalkemm kien iħoss xi ħaġa tqanqallu demmu hu baqa dejjem biered u qatt ma mela rasu.

Darba wara nofs-in-nhar kif kien jitlajja fl-inħawi ta' Brooklyn Attz ra ħafna nies deħlin f'bieb kbir, kien se